MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 626/2009

**Road Construction Company Limited, numru tar-registrazzjoni tas-socjeta` C15677**

***kontra***

**Avv. Michelle Tabone fil-kwalita` taghha ta` Ekonomu ta` l-Eccellenza tieghu Monsinjur Arcisqof Pawl Cremona fil-kwalita` tieghu ta` Amministratur tal-Kurja Arciveskovili ta` Malta ; u tal-Beni tal-Entijiet Ekklesjastici ta` Malta annessi mal-istess Kurja**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fis-26 ta` Gunju 2009 li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` attrici hija l-proprjetarja ta` diversi porzjonijiet mill-art maghrufa bhala 'Ta` Ghajn Kelment' fil-limiti ta` Qala, Ghawdex, akkwistati minnha versu l-hlas ta` eluf kbar ta` liri, dawn il-kuntratti kollha saru wara ricerki assikurati sabiex gie stabbilit it-titolu tal-vendituri ;*

*2. Illi dwar din l-art din is-socjeta` ghandha permess validu sabiex topera barriera tal-gebel tal-qawwi mahrug lilha mill-Awtorita` ta` l-Ippjanar fit-tnax (12) ta` Novembru ta` l-elf disa` mija u tmienja u disghin (1998) ;*

*3. Illi appena din l-art giet akkwistata mis-socjeta` attrici, il-konvenut nomine holoq pretensjonijiet u beda jsostni li din l-art tifforma parti mit-territorju maghruf bhala 'Ta` Wardati' appartenenti lill-Abbazija ta` Sant`Antnin Abbati delli Navarra, amministrat mill-Kurja Arciveskovili, u ghalhekk ipproceda kontra l-attrici b`citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fejn talab illi l-esponenti tizgombra mill-art akkwistata minnha sabiex il-Kurja tigi mantenuta fil-pussess li tallega li kellha fuq din l-art – Citazzjoni Numru 164/1998 – 'Joseph Aquilina nomine vs Road Construction Limited'. Din il-kawza giet deciza fl-1 ta` Awissu 2003 b`success ghas-socjeta` attrici odjerna, u minn dik is-sentenza ma giex intavolat appell ;*

*4. Illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta` Novembru ta` l-elf disa` mija u tmienja u disghin (1998) il-Kurja pprocediet kontra s-socjeta` attrici b`mandat ta` inibizzjoni b`talba li l-esponenti tinzamm provvizorjament milli tipprocedi b`xi xoghol ta` qtugh ta` blat fl-art imsemmija liema ordni provvizorja inghatat. Dan il-mandat gie, pero`, irtirat fis-sitta (6) ta` Awissu ta` l-ef disa` mija u disgha u disghin (1999) ;*

*5. Illi l-Kurja ghamlet ukoll diversi kawzjonijiet mar-Registratur ta` l-Artijiet fuq l-art ta` l-attrici dwar liema kawzjonijiet huwa baqghet insistentement tinsisti ;*

*6. Illi, ukoll, ripetutament il-Kurja ghamlet rapprezentazzjonijiet ma` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar sabiex toggezzjona dwar il-hrug ta` permessi ta` l-izvilupp fuq l-art tas-socjeta` attrici ;*

*7. Illi dawn il-proceduri saru b`kapricc u mhux ghaliex verament kien hemm xi gustifikazzjoni ghalihom u fuq kollox mhux ghaliex huwa minnu li l-konvenuti ghandhom xi jedd ghal din l-art ;*

*8. Illi fil-fatt konsegwenza ta` dawn il-proceduri s-socjeta` ammont sostanzjali ta` danni li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti;*

*9. Illi ghalkemm il-Kurja giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta` dawn id-danni hija baqghet inadempjenti ;*

*Ghid ghalhekk inti konvenuta ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti -*

*1. Tiddikjara li l-Kurja, rapprezentata mill-konvenuta nomine, agixxiet abbuzivament u l-imsemmija proceduri saru kapricjozament u li konsegwentement hija responsabbli lejn is-socjeta` ghar-rizarciment tad-danni minnha sofferti ;*

*2. Tillikwida dawn id-danni ;*

*3. Tikkundannak sabiex thallas l-ammont hekk likwidat.*

*Bl-ispejjes inkluzi zewg Protesti Legali pprezentati fl-ismijiet "Road Construction Limited vs Joseph Aquilina noe" u "Road Construction Limited vs Vincent Ciliberti pro et noe", u l-ittra ufficjali prezentata fis-26 ta` Lulju 2007 kontra tieghek.*

*Il-konvenuta nomine mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed tigi ngunta.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat ir-risposta mahlufa prezentata fil-25 ta` Awissu 2009 li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament, il-konvenuta nomine ma hijiex il-legittima kontradittrici f`din il-kawza stante illi l-proceduri msemmija mis-socjeta` attrici u li, skond l-istess attrici, taw lok ghad-danni minnha pretizi ma gewx istitwiti mill-istess konvenuta nomine imma mill-Enti Guridiku Ekklezjastiku l-Giuspatronat Lajkali San Antonio Abbate delli Navarre kif pjenament jirrizulta minn kopja tal-istess sentenza tal-1 ta` Awissu 2003, Citaz. Nru. 164/1998G1 (PC) li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata 'Dok. XX' ;*

*2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talba attrici in kwantu diretta kontra l-konvenuta nomine hija preskritta skond il-Ligi bil-preskrizzjoni ta` sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili – Kap. 16 tal-Ligijiet ;*

*3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il-proceduri msemmija fil-premessi tar-Rikors Guramentat ma jaghtux lok ghal ebda danni u ma joholqux responsabilita` delittwali u hija l-gurisprudenza*

*pacifika u kostanti illi l-fatt li persuna tkun bdiet proceduri legali maghduda maghha l-hrug ta` mandati biex jikkawtelaw dik l-azzjoni li wara l-istharrig tal-Qorti ma tigix milqugha, ma jfissirx b`daqshekk illi kull procedura kienet saret b`abbuz ta` dritt li tirrikorri lejn il-Qorti vide "Denaro vs Page", 24.01.1895, (kollez. )*

*4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, mhux minnu l-konvenuti kkawzaw xi danni lil proprjeta` attrici ;*

*5. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju d-danni reklamati huma eccessivi.*

*(I) Illi, rigward il-fatti esposti bir-Rikors Guramentat l-esponenti tikkontesta l-fatti kif elenkati fl-imsemmi Rikors Guramentat u ghar-rigward tal-fatti ndikati f`din ir-Risposta Guramentata l-esponenti nomine tiddikjara illi taf bl-imsemmija fatti di scientia propria.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta mahlufa.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2009 (fol 101) fejn in vista tal-ewwel eccezzjoni il-partijiet kienu diretti sabiex jipprezentaw id-dokumenti kollha fil-pussess taghhom.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti permezz ta` nota fid-9 ta` Novembru 2009 mill-kumpannija attrici.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mill-konvenuta permezz ta` nota fit-12 ta` Novembru 2009.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta` Novembru 2009 fejn il-partijiet qablu li jiskambjaw noti ta` osservazzjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-konvenuta li kienet prezentata fid-29 ta` Jannar 2010.

Rat in-nota responsiva tal-kumpannija attrici li kienet prezentata fit-22 ta` Marzu 2010.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-26 ta` April 2010 fejn, wara li semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Din tal-lum hija azzjoni ghal danni li l-kumpannija attrici tghid li garrbet kagun ta` proceduri allegatament abbusivi u kapriccjuzi intrapresi mill-konvenuta fil-kwalita` taghha premessa.

Specifikament tirreferi (a) ghall-Mandat ta` Inibizzjoni li kien prezentat kontra taghha fl-24 ta` Novembru 1998 u li kien irtirat fis-6 ta` Awissu 1999 (b) ghall-kawza Cit. Nru.164/1998 li kienet deciza fl-1 ta` Awissu 2003 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Kompetenza Superjuri li minnha ma kienx hemm appell (c) ghall-kawzjonijiet li saru fuq l-art taghha mar-Registratur tal-Artijiet u (d) u ghall-oggezzjonijiet li saru mal-Awtorita` tal-Ippjanar dwar hrug ta` permessi tal-izvilupp fuq l-art in kwistjoni.

Mill-atti ta` din il-kawza ma tirrizultax il-kwalita` li biha l-konvenuta mexxiet skond (d) indikat fil-paragrafu precedenti. Fil-kaz ta` (c) sopraindikat (ara fol 108) tissemma l-Kurja ta` l-Arcisqof bhala *Dettalji ta` Min Qieghed Jaghmel il-Kawzjoni* u ghal li huma r-*Ragunijiet ghala Qeghda ssir il-Kawzjoni* jissemma l-*Beneficcju "Abbazia Sant`Antonio delli Navarra" tal-Kurja Arciveskovili ta` Malta.*

Fil-kaz ta` (b), l-occhio tal-kawza kien jaqra hekk - *Joseph Aquilina, Ekonomu ta` Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni ta` l-Entijiet Ekklesjastici ta` Malta ghan-nom il-Giuspatronat Lakjali San Antonio Abbate delli Navarra ; u b`degriet tal-11 ta` Jannar, 2001 il-gudizzju gie trasfuz f`isem Vincent Ciliberti minflok Joseph Aquilina li miet fil-mori tal-kawza, fil-kwalita` tieghu premessa vs Road Construction Limited, u b`degriet tal-15 ta` Gunju 2000 gie kjamat fil-kawza ir-Registratur ta` l-Artijiet, Centru Amministrattiv, Pjazza San Frangisk, Victoria.*

*Ictu oculi* jidher li l-unika differenza bejn l-*occhio* ta` dik il-kawza u din tal-lum fejn jirrigwarda l-Giuspatronat Lakjali San Antonio Abbate delli Navarra huwa li filwaqt li *f`dik il-kawza* l-Ekonomu ta` Monsinjur Arcisqof bhala l-Amministratur tal-Beni ta` l-Entijiet Ekklesjastici deher ghan-nom tal-Giuspatronat Lakjali San Antonio Abbate delli Navarra, *fil-kawza tal-lum* l-Ekonomu kien imharrek bhala Amministratur tal-Kurja Arciveskovili ta` Malta u tal-Beni tal-Entijiet Ekklesjastici ta` Malta annessi mal-istess Kurja.

Issa meta ressqet l-eccezzjoni preliminari taghha, il-konvenuta, forsi bi svista, ipprezentat bhala dokument in sostenn taghha mhux il-kopja tas-sentenza fil-kawza bin-Nru.164/1998/PC izda kopja tas-sentenza fil-kawza bin-Nru.75/2001. Din il-Qorti rat is-sentenzi kollha li ghalihom ghamlu riferenza l-partijiet u li jirrigwardaw l-Gurpatronat in kwistjoni. U ghall-fini tal-eccezzjoni tal-lum, rat ukoll

gurisprudenza *ohra* li ghaliha l-partijiet ma ghamlux riferenza. Din il-Qorti qeghda taghmel specifikament riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti (PA/GC) tad-19 ta` Frar 2010 fil-kawza "Joseph Aquilina noe vs Richard dei Conti Stagno Navarra" li giet appellata.

F`din l-ahhar kawza, irrizulta li taht il-gurisdizzjoni ta` l-Arcisqof ta` Malta kien jezisti, fost beneficcji ohra, il-beneficcju ta` Guspatronat Lajkali imsejjah Abbazia di San Antonio Abbate delli Navarra fondat minn Nobildonna Cosmana Cumbo Navarra fl-atti tan-Nutar Nicola Allegritto tal-25 ta` Awissu, 1675. Fil-kawza, l-attur kien qieghed jirrappresenta lill-Arcidjocesi ta` Malta u Monsinjur Arcisqof kien intavola dik l-azzjoni fil-qadi tal-ministeru gholi tieghu ghall-gid tal-Knisja f`Malta. Il-kawza kienet giet intavolata *ukoll* ai termini tad-dikriet ta` Monsinjur Arcisqof tat-3 ta` Awissu 1983 fejn gie ordnat li l-amministrazzjoni kollha tal-enti djocesani tkun f`idejh u dan b`effett immedjat.

Din il-Qorti qieset bl-akbar reqqa n-natura tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta *anke* fl-isfond tan-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet. Ghal din il-Qorti, il-kwistjoni kollha hija jekk il-Giuspatronat Lakjali San Antonio Abbate delli Navarra huwiex wiehed mill-Entijiet Ekklesjastici ta` Malta amministrat minn Monsinjur Arcisqof li huwa rapprezentat mill-Ekonomu.

Mill-atti hekk jirrizulta li hu.

U ghalhekk anke wara li qieset dak li nghad mill-konvenuta fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha, din il-Qorti ma tarax ghaliex sabiex tkun regolari l-istanza attrici fil-konfront tal-konvenuta fil-kwalita` taghha premessa hemm il-htiega ta` strettezza formali fis-sens li dak il-Giuspatronat jigi distintament indikat bhala rapprezentat mill-konvenut, jew forsi li addirittura jigi indikat bhala konvenut b`identita` guridika separata u distinta minn dik

tal-konvenuta kif imharrka. Din il-Qorti teskludi bhala legalment accettabbli din l-ahhar ipotesi.

Dak premess fil-paragrafu precedenti, qieghed jinghad *anke* ghaliex fil-kawza “Aquilina noe vs Road Construction Limited” (Cit. Nru.164/1998/PC) deciza fl-1 ta` Awissu 2003 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Kompetenza Superjuri, l-attur stess kien ippremetta *inter alia* li huwa kien l-amministratur tal-Giuspatronat Lakjali San Antonio Abbate delli Navarra. `Il quddiem fil-*considerandi* il-Qorti qieset li l-Kurja Arciveskovili ta` Malta, kif rapprezentata mill-attur noe, kienet l-amministratrici ta` dak il-Guspatronat. Minn dik is-sentenza ma kienx hemm appell.

Ladarba mhux kontestat li l-Guspatronat in kwistjoni huwa ente ekklesjastiku amministrat mill-Kurja Arciveskovili ta` Malta li hija rapprezentata fil-kawza tal-lum mill-konvenuta bhala Ekonomu, din il-Qorti tghid li sabiex tissussisti validament l-azzjoni odjerna kontra l-konvenuta kif citata ma kienx hemm il-htiega li ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi dak il-Guspatronat jigi tassattivament u menzjonat bhala rapprezentat mill-konvenuta.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, spejjez ghall-istess konvenuta.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------